

Brussell, 17 ta' Ġunju 2019  
(OR. en)

6047/19

---

**Fajls Interistituzzjonali:**  
**2018/0357(NLE)**  
**2018/0356(NLE)**

---

**WTO 40**  
**SERVICES 10**  
**COASI 15**

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Kummerċ Fieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam - Adozzjoni Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Fieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam - Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

---

1. Fid-19 ta' Ottubru 2018, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill:
  - a) proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Kummerċ Fieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam (dok. 13312/18 + ADD 1-12); u
  - b) proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Fieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam (dok. 13313/18 + ADD 1-12).
2. Il-proposti msemmija hawn fuq ġew eżaminati mill-Kumitat tal-Politika Kummerċjali fil-laqgħat tiegħu fis-26 ta' Ottubru, is-6 ta' Novembru, it-30 ta' Novembru, is-7 ta' Diċembru u t-18 ta' Diċembru 2018. Dawn sussegwentement ġew approvati, kif modifikat biex jitqiesu għadd ta' aġġustamenti meħtieġa, mill-Kumitat tal-Politika Kummerċjali (Membri Sħaħ) fil-laqgħa tiegħu tal-20 ta' Marzu 2019.

3. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, u soġġett għall-konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill huwa mistieden biex:

- jadotta d-Deċiżjoni dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, kif iffinalizzata mill-ġuristi-lingwisti u stabbilita fid-dokumenti 6048/19 u 6051/19 + ADD 1 - 10;
- jinnota li l-Parlament Ewropew ser jiġi informat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE u li d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew;
- jiddeċiedi li jgħaddi l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, kif iffinalizzata mill-ġuristi-lingwisti u stabbilita fid-dokumenti 6050/19 u 6051/19 + ADD 1 - 10, lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.

---